**IS-SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**
L-EWWEL ĊIKLU

Francesco Pio Attard

# IX-XITAN
# U L-QAWWA TIEGĦU FUQ IL-BNIEDEM

Każ morali ppreżentat
bħala parti mill-kors
*Teoloġija Morali: Il-Virtù tar-Reliġjon*

Victoria – Għawdex
It-Tlieta 17 ta' Mejju 2005

# Werrej


Il-każ 4

Daħla metodoloġika 5

Ix-xitan fl-Iskrittura Mqaddsa 8

Ix-xitan fit-tradizzjoni u t-teoloġija tal-Knisja 13

Is-sinifikat tat-twemmin fix-xitan u l-ġlieda kontra l-ħażen 18

Biblijografija 24

1

# Il-każ

Wara laqgħa fuq is-sataniżmu, grupp ta' żgħażagħ kien qed jiddiskuti fuq il-preżenza u l-qawwa tax-xitan fuq il-bnedmin. Anton sostna li x-xitan m'għandux il-jedd li jxejjen il-libertà tal-bniedem u jidħol f'min irid hu. Joe afferma li hija l-qalb maħkuma mill-għira u mill-mibegħda li toffri possibbiltà kbira lix-xitan biex jippossessa lil xi ħadd. Marija affermat li Alla jista' jippermetti lix-xitan jittanta lil xi ħadd b'mod qawwi bħala prova, imma għandu jkollna fiduċja fil-qawwa suprema ta' Alla u ta' Ġesù Kristu. "Hu fatt li anki l-papa Ġwanni Pawlu II jemmen fil-preżenza u fil-qawwa tax-xitan fid-dinja", qablet Carmen.

- X'qawwa għandu x-xitan?
- X'inhu t-twemmin tal-Knisja fuq il-qawwa tax-xitan?

2

# Daħla metodoloġika

> Liema huma l-bżonnijiet l-aktar kbar tal-Knisja llum? Tħallux it-tweġiba tagħna ġġiegħlkom tistagħġbu biha, bħallikieku kienet waħda sempliċista u irreali. Wieħed mill-bżonnijiet l-aktar kbar huwa d-difiża kontra dak il-ħażin, li jissejjaħ ix-xitan… Il-ħażin m'huwiex biss defiċjenza (nuqqas tat-tajjeb) imma wkoll effiċjenza, essri ħaj, spiritwali, pervers u li jipperverti. Realtà terribbli, misterjuża u li tbeżża'…[1]

Hekk jesprimi l-preokkupazzjonijiet tiegħu l-papa Pawlu VI, f'diskors li jagħmel fil-15 ta' Novembru 1972 dwar ix-xitan, quddiem ir-realtà ta' Knisja li kienet għaddejja minn kriżi qawwija fl-istess intern tagħha, u quddiem dinja wisq "ottimista" li donnha riedet tgħid li x-xitan hu biss psewdorealtà.

Imma x-xitan ma jistax jitqies bħala personifikazzjoni mitoloġika tal-ħażen fid-dinja; dan ifisser li ma nistgħux niċħdu l-eżistenza tiegħu. Ix-xitan, li jista' jiġi ddefinit sewwa bħala l-"ogħla" fost l-ispirti ħżiena, bħall-ispirti ħżiena l-oħra ma jistax lanqas jitqies bħala l-għadu indipendenti ta' Alla, bħallikieku t-tnejn huma opposti għal xulxin fuq l-istess livell u għandhom l-istess qawwa – duwaliżmu assolut. Huwa ħlejqa finita li l-istess ħażen tiegħu hu kompromess mill-qawwa, il-libertà u t-tjieba ta' Alla, li hu kollu kemm hu qaddis.

> Iżda l-qawwa tax-xitan m'hijiex bla qies. Hu biss ħliqa, setgħani għax spirtu pur, imma dejjem ħliqa: ma jistax iwaqqaf il-bini tas-saltna ta' Alla. Jagħmel x'jagħmel ix-xitan fid-dinja b'mibegħda għal Alla u għas-saltna tiegħu fi Kristu, u kbar kemm huma kbar il-ħsarat li tagħmel il-ħidma tiegħu, ħsarat ta' natura spiritwali u, indirettament, ta' natura fiżika wkoll – lil kull bniedem u lis-soċjetà, il-ħidma tiegħu tippermettiha l-providenza ta' Alla, li bil-qawwa u bil-ħlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla

[1] PAWLU VI, *Deliver us from evil* (diskors fl-udjenza ġenerali), 15 ta' Novembru 1972 : *L'Osservatore Romano*, 23 November 1972, 3.

> jippermetti l-ħidma tax-xitan, iżda "aħna nafu li Alla ma' dawk li jħobbuh f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (Rum 8:28).[2]

Allura għax-xitan napplikaw dak kollu li t-teoloġija tgħid dwar il-ħażen, id-dnub, li Alla jippermetti li jeżistu b'intenzjoni pożittiva, u dwar il-karattru negattiv tal-ħażen, l-impossibbiltà ta' sustanza ħażina minnha nfisha, dwar it-tajjeb konkret u finit anki bħala l-għan tal-libertà tal-ħażen, u l-bqija. It-tagħlim ta' l-Iskrittura u r-rivelazzjoni dwar ix-xitan u l-ispirti ħżiena iktar jidhru li huma presuppożizzjoni naturali ta' l-esperjenza umana li tiġi inkorporata u mqiegħda f'postha fid-duttrina tar-rebħa tal-grazzja ta' Alla fi Kristu u tal-ħelsien tal-bniedem minn kull "prinċipati u setgħat".

Mela d-duttrina dwar l-anġli (l-anġeloloġija), l-ispirti ħżiena u x-xitan hi l-interpretazzjoni kunċettwali ta' l-esperjenza naturali ta' diversi prinċipati u setgħat supranaturali (u m'hix ġejja direttament mir-rivelazzjoni). Din id-duttrina hi mxerrda sew. Interpretata u kkritikata, tippenetra r-reliġjon irrivelata bilmod minn barra. Għall-bidu ma tiddistingwix b'mod ċar bejn prinċipati u setgħat ħżiena u tajbin. Fil-konkret spiss l-ispirti ħżiena huma identifikati max-xitan bħala ħaġa waħda, u t-terminu *xitan* jintuża biex jiġbor il-formula kollha tal-prinċipati u setgħat ħżiena.

Dan kollu juri li d-duttrina dwar ix-xitan għandha kontenut tabilħaqq sempliċi li m'għandu xejn x'jaqsam mal-mitoloġija. Is-sitwazzjoni miżerabbli li jinsab fiha l-bniedem, u li Kristu ġie biex jeħles u jagħti dinjità bil-grazzja tal-fidwa tiegħu, m'hix riżultat biss ta' dak li l-bniedem għamel fil-libertà tiegħu. Hemm realtà oħra, ukoll maħluqa ħielsa, waħda li hi supraumana u timxi kontra l-istorja tal-libertà umana. L-oppożizzjoni lil Alla, li kultant tesponi ruħha fil-bniedem, fiha ħafna aspetti. Il-"ħażen", anki fih innifsu, hu mifrud, u dan ikompli jkisser is-sitwazzjoni li jinsab fiha l-bniedem. Imma din il-firda intrinsika fil-ħażen, m'għandhiex il-qawwa li teqred l-unità tad-dinja, ta' l-istorja tagħha jew tal-bniedem fil-miżerja tiegħu kontra Alla. Il-ħażen hu saltna waħda. Dan hu li rridu nfissru meta nitkellmu dwar l-ogħla fost l-ispirti ħżiena, ix-xitan. Nistgħu nitkellmu dwar kap ta' l-ispirti ħżiena f'sens wiesa' biss. L-istess, filfatt, huwa diffiċli tiddetermina l-ġerarkija fost l-anġli t-tajba, għax kull wieħed minn dawn l-anġli hu ħlejqa radikalment unika.

[2] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993, 395.

Bħala premessa fundamentali tajjeb li nżommu f'moħħna li Kristu u l-missjoni redentiva tiegħu huma ċ-ċentru tad-duttrina Kristjana, anki meta din tfittex li tagħraf x'inhi n-natura tax-xitan u s-sehem tiegħu fit-tfixkil tal-pjan ta' Alla.

3

# Ix-xitan fl-Iskrittura Mqaddsa

L-eżistenza ta' l-ispirti, kemm tajbin u kemm ħżiena, li jintervjenu fl-istorja tad-dinja u jinfluwenzawha, insibuha f'ħafna mir-reliġjonijiet tal-qedem. L-Iskrittura, filfatt, ħadet ħafna mill-mitoloġija u t-twemmin ta' kulturi qodma bħal tal-Mesopotamja (3500 qK), f'dan ir-rigward. Anki fit-Testment il-Qadim, fejn ix-xitan hu msemmi ftit li xejn (f'ħames kotba biss, darba biss f'erba' minnhom), insibu miktub dwar dimonji kattivi b'lingwaġġ li donnu ġej mill-paganiżmu tal-Mesopotamja: "Jiltaqgħu hemm il-jena u l-klieb tax-xagħri; u l-mogħoż selvaġġi jsejħu lil xulxin; hemm ukoll toqgħod il-kokka tad-deżert, u ssib il-mistrieħ tagħha" (Is 34:14).

It-Testment il-Qadim jiddistingwi sew lil Satana minn dawn id-dimonji. Ismu jfisser "akkużatur". Il-Bibbja Griega tas-LXX tittraduċi t-terminu Għebrajk *sātān* (*ha-satan*, għadu) bil-kelma dia,boloj – *diabolos* (fil-Latin ekkleżjastiku *diabolus*), li minnu jittraduċi ruħu isem ix-xitan fit-Taljan u l-Ingliż, fost l-oħrajn. Filfatt, din il-kelma mażżmien għaddiet fid-diversi ilsna Ewropej. L-ismijiet dia,boloj u Satana għall-bidu kellhom diversi tifsiriet, imbagħad djiequ ħafna fis-sens sakemm ingħaqdu fid-dimonoloġija tal-Ġudaiżmu tardiv. Għal-Lhud ix-xitan sar il-prinċep ta' l-anġli li flimkien mas-segwaċi tiegħu tbiegħed minn Alla u tkeċċa mill-ġenna.

Fil-ktieb ta' Ġob, Satana hu l-ispija ta' Alla, li jiġri mad-dinja jfittex il-provi biex jakkuża l-bnedmin fit-tribunal smewwi ta' l-"Iben ta' Alla" (Ġob 1:6; 2:1). Hu l-aġent, u mhux l-għadu ta' Alla, u għandu s-setgħa li jolqot bid-deni biex jipprova lill-bniedem (anki f'Żak 3:1). Minn hawn naraw kif Alla jista' jippermetti – biex ma ngħidux juża – l-ħażen tax-xitan biex jipprova lill-bniedem u l-fedeltà tiegħu, wara li jġarrbu. Minn Ġob 'il quddiem ix-xitan aktar beda jitqies bħala t-tentatur milli l-akkużatur (1 Kron 21:1), u fl-aħħarnett bħala l-awtur tad-dnub u tal-mewt: "Bl-għira tax-xitan daħlet il-mewt fid-dinja; u jafu xi tfisser dawk li huma tiegħu" (Għerf 2:24).

L-interess f'Satana jiżdied fil-kitbiet intertestamentarji[3] u t-Testment il-Ġdid, frott l-interess fid-duwaliżmu, il-polarità bejn it-tajjeb u l-ħażin, u allura bejn Alla u x-xitan; hawn jeżistu ħafna espressjonijiet metaforiċi u iperboliċi f'dan ir-rigward, imma jidher li l-awturi jieħdu b'serjetà ikbar it-tema tax-xitan. It-Testment il-Ġdid jassumi ħafna mid-duttrina Ġudajka dwar l-ispirti ħżiena u x-xitan. Imma nsibu wkoll xi innovazzjonijiet fl-ismijiet u l-attributi li jingħataw lix-xitan: il-ħażin (Mt 13:19), l-għadu (Lq 10:19), il-prinċep ta' din id-dinja (Ġw 12:31), l-alla ta' din id-dinja (2 Kor 4:4), qattiel sa mill-bidu u missier il-gideb (Ġw 8:44). It-Testment il-Ġdid jippreżenta wkoll il-kunflitt bejn Kristu u x-xitan. Lilu jiġu attribwiti t-tentazzjonijiet, fosthom dawk ta' Ġesù (Mk 1:13).[4] Ix-xitan kontinwament ipprova jfixkel il-missjoni ta' Ġesù, li għal tliet darbiet jirriferi għalih bħala l-avversarju tiegħu u jsejjaħlu "l-prinċep ta' din id-dinja" (Ġw 12:31; 14:30; 16:11). Meta Pietru jipprova jaljena lil Ġesù mill-passjoni, jiġi mqabbel max-xitan (Mk 8:33). Hu x-xitan li jqiegħed f'qalb Ġuda t-tradiment u fl-aħħar jidħol fih (Ġw 13:2,27). Ix-xitan ried lid-dixxipli "f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ" (Lq 22:31). Satana u dawk li jgħinuh jinsabu f'kull att uman li jfixkel ix-xandir tal-Vanġelu. Anki l-prova ta' l-appostlu Pawlu hi attribwita lil wieħed mill-anġli tax-xitan (2 Kor 12:7). Dak li jgħidilna t-Testment il-Ġdid dwar ix-xitan, fil-qosor, huwa dan: m'hux invenzjoni ta' l-immaġinazzjoni ta' Ġesù jew personifikazzjoni tad-dnubiet tal-bniedem imma persuna vera; m'hemmx distinzjoni ċara bejn xitan wieħed prinċipali u diversi spirti ħżiena; diffiċli tifred il-korruzzjoni li ġejja mix-xitan minn dik li ġejja mid-dnub tal-bniedem; il-miġja ta' Ġesù werwret is-setgħat kollha tal-ħażen u rebħet fuq kull forma ta' ħażen, anki jekk l-ispirti ħżiena jibqgħu jeżerċitaw qawwa limitata fid-dinja.

Fit-talba tal-Missierna, għalhekk, l-aħħar petizzjoni, iktar milli "eħlisna mid-deni", tista' titniżżel "eħlisna mill-ħażin" (Mt 6:13). Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jispjega tajjeb, bi kliem l-Iskrittura, Missirijiet il-Knisja u d-dokumenti tal-maġisteru, it-tifsira tax-xitan fid-dawl ta' din ir-riflessjoni.

---

[3] Il-kitbiet tardivi tat-Testment il-Qadim u dawk li nkitbu fil-perjodu qasir, imsejjaħ intertestamentarju, bejn tmiem l-istorja tat-Testment il-Qadim u l-bidu ta' l-istorja tat-Testment il-Ġdid, magħruf ukoll bħala s-snin siekta.

[4] Hawn ma nitkellmux biss dwar it-tentazzjonijiet tad-deżert, li huma mifhuma bħala ġabra tat-tentazzjonijiet matul il-ħajja ta' Ġesù, imma anki t-tentazzjoni tax-xitan fil-Ġetsemani (ippreżentata tajjeb ħafna fil-film *The Passion of the Christ*, 2004) u l-aħħar waħda fuq is-salib: "}a jinżel minn fuq is-salib u nemmnu fih" (Mt 27:42).

"Qattiel sa mill-bidu, giddieb u missier il-gideb" (Ġw 8:44), "ix-xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha" (Apok 12:9) daħħal id-dnub u l-mewt fid-dinja u b'rebħa sħiħa fuqu l-ħolqien kollu jiġi "meħlus mid-dnub u l-mewt".[5] "Aħna nafu li kulmin hu mwieled minn Alla ma jidnibx, imma l-Iben ta' Alla jħarsu mid-dnub, u l-}ażin ma jmissux b'idejh. Nafu li aħna ġejjin minn Alla u li d-dinja kollha qiegħda taħt idejn il-ħażin" (1 Ġw 5:18-19).

Il-Mulej li neħħielek id-dnub tiegħek u ħafirlek ħtijietek, iħarsek ukoll u jeħilsek mill-qerq tax-xitan li jġarrbek, biex l-għadu li mdorri joħloq il-ħtija ma jeħdokx għall-għarrieda. Min jafda f'Alla ma jibżax mix-xitan. "Jekk Alla magħna, min jista' jkun kontra tagħna?" (Rum 8:31).[6]

Ix-xitan għandu wkoll is-setgħa li jagħmel il-ħsara lill-ġisem (Lq 13:16), waħda limitata li jikkawża l-mard, flimkien ma' dik tal-possessjoni djabolika u t-tentazzjoni għad-dnub. Dan ta' l-aħħar hu ħaġa wisq iktar gravi mill-istess possessjoni, għax id-dnub jagħmel lill-bniedem skjav tax-xitan waqt li fil-possessjoni il-bniedem bl-ebda mod m'hu miżmum ħati ta' dak li x-xitan jagħmel fih u bih.

Jeħtieġ inżommu f'moħħna li kull possessjoni mix-xitan isseħħ bil-permess ta' Ġesù. Li kieku kellu s-setgħa, ix-xitan kien ikisser lill-bniedem. Imma Alla dan ma jippermettihx u, meta jippermettih (u dan rarament), dan jagħmlu biex juri l-kobor u l-glorja ta' Alla u t-trijonf tiegħu fuq ix-xitan.

Nerġgħu nisħqu li fiha nfisha "possessjoni" m'hix dnub imma biss disturb fiżiku. Id-dnub innifsu hu ħaġa wisq iktar gravi minn possessjoni għax id-dnub jagħmel lill-bniedem ilsir tax-xitan waqt li f'"possessjoni" l-bniedem bl-ebda mod m'hu miżmum ħati ta' xi waħda mill-azzjonijiet imqanqla fih mix-xitan.[7]

Il-morali tifhem li x-xitan mhux bilfors hu l-kawża ta' kull tentazzjoni. U meta l-bniedem jaqa' taħt l-influwenza tiegħu, il-libertà tal-bniedem tibqa' m'hix minsusa, anki jekk l-eżekuzzjoni esterjuri ta' ċerti mġibiet tista' taqa' taħt il-kmand tiegħu.[8] Imma ma jistax jikkawża ħażen morali jew korruzzjoni. Għalhekk ħafna mard jista' jiġi attribwit lill-possessjoni djabolika, u l-fejqan li għamel Ġesù jagħmel parti mir-rebħa tiegħu fuq ix-xitan li hu kien fi gwerra kontrih tul il-ministeru tiegħu (ara Mk 3:26). Meta jikkonfronta l-mard, Ġesù jikkonfronta lil Satana. Meta jfejjaq, hu jittrijonfa fuqu.

---

[5] ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni appostolika postsinodali *Reconciliatio et paenitentiae*, 2 ta' Diċembru 1984, 16.

[6] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA, *Il-Katekiżmu*, 2852.

[7] ELIAS VELLA, *The devil and exorcism*, (translated by Frank Fenech), Malta 1994, 34.

[8] Kif jikteb San Tumas ta' Aquino (1225-1274), *"unde manifestum est, quod diabolus nullo modo potest necessitatem inducere homini ad peccandum"* (I-II, q. 80, a. 3c).

Ġesù juri l-awtorità sħiħa li għandu fuq l-ispirti ħżiena meta jsejħilhom b'isimhom u jordnalhom jagħmlu dak li jgħid hu (bħal f'Mk 5:13, 7:30 u 9:25). Fin-numru kbir ta' eżorċiżmi li nsibu fil-Vanġelu naqraw messaġġ partikulari: kien fiż-żmien tal-missjoni ta' l-Iben ta' Alla fuq l-art (l-*evento Cristo*) li x-xitan wettaq l-ikbar ħidma tiegħu u pprova jkun l-iżjed ta' xkiel. Il-ġlieda tax-xitan ma' Alla tilħaq il-qofol storiku tagħha fil-passjoni ta' Ġesù (Lq 22:3,31; Ġw 13:27; 1 Kor 2:8) u hawn titwettaq it-telfa finali tagħha (1 Kor 2:8; Ġw 12:31; Atti 12:7ff), l-istess kif l-eżorċiżmi ta' dawk maħkuma mix-xitan kienu l-preludju għall-miġja tas-saltna ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù.

Nerġgħu lura fl-istorja tas-salvazzjoni, lejn il-ġrajja tas-serp li ttenta l-ewwel ġenituri tal-bnedmin. Fil-mitoloġiji antiki s-sriep spiss kienu jintużaw bħala immaġni dimonjaċi u mostri kożmiċi tal-kaos; f'Ġenesi 3 iktar hu simbolu tas-sesswalità jew ta' l-ambizzjoni umana.

> Il-ħażin m'hux sempliċiment assenza, nuqqas, diżordni, kunfużjoni riċenti jew anki antika… Il-problema ta' l-immaġni tas-serp hi li ġġiegħel il-kontemporanji tagħna jitbissmu. Huma jaħsbu li hi immaġni "sempliċi" li tippreżenta sempliċiment esperjenza purament umana. Huma stess jaħsbu, bla ma jafu, li llum m'għadhomx mhedda mit-tentatur, li mill-ġdid idaħħalhom fl-iżball billi jipperswadihom li x-xitan m'għadux jeżisti…[9]

L-Apokalissi jidentifika lix-xitan mas-serp tal-Ġenesi: id-dragun u l-anġli tiegħu kienu jgħixu fis-sema, imma tkeċċew wara ġlieda ma' Mikiel u l-anġli tiegħu (Apok 12:7). Satana jidentifika ruħu wkoll ma' dak imsejjaħ Begħelżebul, "il-prinċep tax-xjaten" (Lq 11:15).

M'hux ix-xitan l-uniku spirtu ħażin. Fid-deskrizzjoni li jagħti tal-ġudizzju, Ġesù jitkellem dwar l-"anġli" tax-xitan (Mt 25:41). Il-morda, speċjalment dawk morda mentalment, jista' jingħad li huma "mħabbta mill-ispirti mniġġsa" (Lq 6:18). Fil-kitbiet appostoliċi tat-Testment il-Ġdid spiss naqraw dwar il-ħidma ta' dawn l-ispirti ħżiena. Il-ġlieda tal-Kristjan m'hix biss kontra bnedmin oħra ("id-demm u l-laħam") imma kontra "s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet" (Efes 6:12). Dawn l-ispirti għandhom qawwa hekk kbira fuq l-univers li x-xitan jista' jissejjaħ "il-prinċep ta' din id-dinja" (Ġw 12:31), "il-kap tas-saltna ta' l-ajru, l-Ispirtu li bħalissa qiegħed jaħdem

---

[9] CHRISTIAN MONTENAT–LUC PLATEAUX–PASCAL ROUX (ed.), *How to read the world: creation in evolution*, (translated by John Bawden), London 1985, 95.

fost dawk li ma jisimgħux" (Efes 2:2; ara Rum 8:38). Kienu dawn li sallbu "l-Mulej tal-glorja", mingħajr ma kienu jafu x'qed jagħmlu (1 Kor 2:8). Il-"mewt" donnha waħda minn dawn l-ispirti (1 Kor 15:24): "Id-dnub jifridna minn Alla. Din is-separazzjoni hi mewt; mewt spiritwali u eterna, li tagħha l-mewt fiżika hi sinjal (ara Għerf 2:24; Lhud 6:1)".[10] Dan il-lingwaġġ kożmiku li nsibu fit-Testment il-Ġdid ġej minn letteratura Ġudajka li m'hix fil-Bibbja u li, min-naħa tagħha, ġejja minn fonti pagani. Pawlu jwessa' iżjed it-tifsira tal-ħażin: l-osservanza servili tal-liġi Ġudajka tjassar lill-bniedem taħt "elementi bla saħħa u bla siwi" (Gal 4:3,9). Anki l-ereżiji huma opra tax-xitan (1 Tim 4:1). Konsegwentament l-ispirti ħżiena jistgħu jinfiltraw kull livell tal-ħajja umana.

Dawn l-ispirti m'huma qatt għedewwa ta' Alla u daqsu fis-setgħa. Kien Alla li ħalaqhom fi Kristu (Kol 1:16); Kristu fuq is-salib neżżagħhom mill-qawwa tagħhom (Kol 2:15). Huma "twaddbu" 'l barra mis-sema, imma fadlilhom "ftit żmien" fuq l-art (Apok 12:10ss). Kristu diġà qiegħdhom taħtu (1 Pt 3:22), imma fl-istess waqt għad irid iqiegħdhom "taħt riġlejh" (1 Kor 15:25). Ma' din is-sottomissjoni tagħhom, jgħid Pawlu, huma "jintemmu fix-xejn" (1 Kor 2:6), għax jagħrfu l-qawwa u r-regalità ta' Ġesù l-Mulej (Fil 2:10). Biex dan l-aħħar għan tagħha jintlaħaq, il-Knisja tgħarraf lilhom ukoll l-għerf ta' Alla (Efes 3:10). Jidher, mela, li lill-ispirti ħżiena ngħatat xi setgħa fuq il-ħolqien, u li Alla ppermettielhom iżommu din is-setgħa wara l-waqgħa tagħhom. Il-fidi, jurina San Pietru, (flimkien mat-talb u s-sawm li jipproponi Ġesù f'Mk 9:29), hi strument qawwi kontra t-tentazzjoni u l-akkużi tax-xitan: "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan, qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex 'il min jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi" (1 Pt 5:8-9). Dan sakemm din l-oppożizzjoni kontra l-Mulej min-naħa tax-xitan, li tkompli fl-istorja tal-Knisja, tintemm meta x-xitan saflaħħar jitwaddab fl-infern (Apok 20:2-3,8,10).

[10] Ibid, 96.

4

# Ix-xitan fit-tradizzjoni u t-teoloġija tal-Knisja

> L-għażla tad-diżubbidjenza li għamlu l-ewwel ġenituri tagħna kellha warajha leħen qarrieq, kontra Alla (ara Ġen 3:4-5), li, għall-għira, waqqagħhom fil-mewt (ara Għerf 2:24). L-Iskrittura u t-tradizzjoni tal-Knisja f'dan il-leħen jaraw leħen ta' anġlu li waqa', imsejjaħ xitan jew dimonju (ara Ġw 8:44; Apok 12:9). Il-Knisja tgħallem li dan qabel kien anġlu tajjeb, maħluq minn Alla. "Ix-xitan u x-xjaten l-oħra ġew maħluqin minn Alla tajbin fin-natura tagħhom, iżda kienu huma stess li saru ħżiena".[11]

Il-Knisja timxi fuq l-eżempju ta' l-Imgħallem tagħha f'li tkeċċi x-xjaten. It-tkeċċija tax-xjaten, flimkien mal-mirakli, hi wieħed mis-sinjali li jsieħbu x-xandir tal-Vanġelu (Mk 16:17), u Ġesù jagħti s-setgħa lill-appostli li jagħmlu l-eżorċiżmi f'ismu (Mt 7:22). Id-dixxipli jerġgħu lura għand il-Mulej ferħanin li, tabilħaqq, l-ispirti ħżiena qagħdu għall-kelma tagħhom, u dan hu prova ċara tal-waqgħa ta' Satana (Lq 10:17-20). Bħal Ġesù, il-Knisja hi involuta fi gwerra sal-mewt u tgħix bit-tama invinċibbli li Satana, diġà mirbuħ, issa għandu biss setgħa limitata; fl-aħħar taż-żminijiet hu u dawk li jgħinuh għad jiġu megħluba għalkollox (Apok 21:1ff,7-10). Ir-riti tal-magħmudija, sa minn żmien antik ħafna fil-liturġija tal-Knisja, jiġbru fihom ukoll l-eżorċiżmi fil-waqt li l-kandidati (katekumeni) jiċħdu lix-xitan u l-opri kollha tiegħu. Il-poplu kollu ta' Alla jerġa' jġedded din iċ-ċaħda f'mumenti partikulari tas-sena liturġika, speċjalment fil-lejl qaddis ta' l-Għid. Il-Knisja llum tagħti kas mhux ftit ta' ċerti diżastri li jolqtu lill-bniedem, bħall-każi ta' possessjoni djabolika, u tara fl-eżorċiżmu l-aktar rimedju adattat għalihom.

Missirijiet il-Knisja fittxew ħafna dwar l-identità vera tax-xitan, u kitbiethom jimlew ħafna mill-vojt li jeżisti fit-teoloġija dwar ix-xitan. It-teologi Kristjani ta' l-ewwel sekli kienu jirriflettu fuq l-opri tax-xitan u spiss ippersunifikaw il-ħażen uman bħallikieku

[11] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA, *Il-Katekiżmu*, 391.

kien ix-xitan għax riedu jikkomunikaw il-gravità ta' xi ereżija jew kult pagan. Għal San Injazju ta' Antjokja (c. 35-107), ix-xitan hu dik il-qawwa li tfittex li tfixkel il-pjan ta' Alla billi tiżra' l-firda fil-komunità u taqsam il-komunità bl-ereżiji. Għalih hu essri reali u persunali, imma fl-istess waqt distint mill-dnub u l-ħażen. Il-papa Klement I (c. 92-c. 101), l-ewwel fost il-Padri Appostoliċi, kien diġà wissa lill-komunità ta' Korintu, f'ittra li bagħtilha, biex tħares ruħha minn dak l-essri ħaj li jaħdem kontra l-għaqda u hu l-kawża tad-dnubiet u l-firdiet f'dik il-Knisja.

Għal San Ġustinu (c. 100-c. 165), ix-xitan hu ħlejqa sottomessa għal Alla li minnu nħalqet. Skond dan l-apoloġista kbir tal-Knisja, l-ikbar dnub tax-xitan kien is-suppervja, u hu jitkellem fuq dik li jsejjaħ battalja kożmika bejn il-Kristjani u l-ispirti ħżiena, kontra x-xjaten li jgħiru għad-dinjità adottiva ta' wlied Alla. Ġustinu jistqarr li x-xitan iqarraq billi jippreżenta ruħu bħala alla, u allura hu preżenti fl-idolatrija. Kristu għandu qawwa superjuri fuq ix-xitan, imma dan jibqa' jaħdem sakemm joħroġ tellief għalkollox fit-tieni miġja tal-Mulej.

Sinifikanti ħafna hu dak li jikteb Tertulljanu (c. 160-c. 220), li jinsisti li l-ħolqien kollu hu tajjeb fih innifsu, inkluż ix-xitan fl-oriġni tiegħu. Issa li sar ħażin bl-għira tiegħu għal Alla, ix-xitan iġarrab lill-bniedem u jħajru għad-dnub, imma dan ta' l-aħħar jibqa' dejjem ħieles li jagħżel it-tajjeb. L-effetti tad-dnub, għal Tertulljanu, huma t-tbatija u d-dwejjaq – "id-dnub iħassar it-tjubija tal-ħolqien".[12]

Santu Wistin ta' Ippona (354-430), u warajh ukoll San Tumas ta' Aquino (1225-1274), mill-ġdid jaffermaw li l-bniedem qatt ma jagħmel id-dnub mingħajr ir-rieda ħielsa tiegħu. Dwar dan jaċċertana l-papa Ġwanni Pawlu II (1920-2005) fl-eżortazzjoni appostolika *Reconciliatio et paenitentiae* (1984), mingħajr ma jiċħad il-qawwa ta' l-ispirti ħżiena:

> Dan il-kliem, li għandu jfakkarna fil-kliem li nsibu fl-ittri ta' San Pawl dwar il-misteru tal-ħażen, jgħinna naraw x'hemm moħbi fid-dnub u m'hux ċar, tant li ma nistgħux nifhmuh. Id-dnub hu żgur frott tal-libertà tal-bniedem; iżda fil-bniedem hemm jaħdmu fatturi oħra li joħorġu d-dnub barra mill-bniedem, fejn il-kuxjenza tal-bniedem, ir-rieda u s-sentimenti tiegħu, jiltaqgħu ma' dawk is-setgħat mudlama li, skond San Pawl, għadhom jaħdmu fid-dinja u kważi jaħkmuha.[13]

---

[12] MARCELLO GHIRLANDO–DAVID ZAMMIT, *Kristu rebbieħ fuq ix-xitan. Sfida dejjem żagħżugħa*, Malta ²2001, 37.
[13] ĠWANNI PAWLU II, *Reconciliatio et paenitentiae*, 14.

Ikompli Wistin li x-xitan ħabb lilu nnifsu iżjed minn Alla, u ried li jkun hu stess l-għajn tal-glorja tiegħu nnifsu. Għal Wistin, is-suppervja hi l-għajn ta' kull dnub, u din twassal għall-għira. Imma d-dnub u l-ħażen morali dejjem jibqgħu għażla tal-bniedem, anki jekk f'dan it-tiġrib ix-xitan għandu sehem importanti. Fil-famużi *L-Istqarrijiet* (c. 400) tiegħu, Santu Wistin jistqarr: "Bqajt infittex mnejn hu ġej il-ħażin, imma għalxejn".[14]

Il-Padri u t-teologi tal-Medjuevu kienu jqisu lix-xjaten bħala anġli li waqgħu, u bnew xi teoriji dwar il-kawża tal-waqgħa tagħhom, frott ta' deċiżjoni irrevokabbli. Fost il-kawżi li pproponew, isemmu d-dnub tal-kburija u s-suppervja, l-għira għall-bniedem, u b'mod partikulari r-rabja tagħhom għall-fatt li l-Iben ta' Alla inkarna fin-natura umana. Imma dejjem baqa' diskutibbli kif spirtu pur, mogħni bl-intelliġenza ta' l-anġli, seta' jasal biex jirribella kontra Alla.

> L-Iskrittura titkellem dwar dnub ta' l-anġli (ara 2 Pt 2:4). Din il-"waqgħa" kienet għażla ħielsa ta' dawn l-ispirti maħluqa li ċaħdu 'l Alla u s-saltna tiegħu b'mod radikali u b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnu. Insibu rifless ta' dan l-irvell kontra Alla fil-kliem ta' dak li ġarrab lill-ewwel ġenituri tagħna: "Issiru bħal Alla" (Ġen 3:5). Ix-xitan "dineb sa mill-bidu" (1 Ġw 3:8), hu "missier il-gideb" (Ġw 8:44).
>
> Id-dnub ta' l-anġli ma jistax jinħafer, mhux minħabba xi nuqqas tal-ħniena bla qies ta' Alla, imma għaliex l-għażla tagħhom saret b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnha. "Ma hemmx sogħba għalihom wara l-waqgħa, kif ma hemmx sogħba għall-bnedmin wara l-mewt" (San Ġwann Damaxxenu, *De fide orthodoxa* 2, 4).[15]

Id-duttrina uffiċċjali tal-Knisja titkellem ftit li xejn fuq ix-xjaten, u filfatt ftit insibu riferenza għalih fl-istqarrijiet uffiċċjali tal-fidi Kattolika. Għall-konċilji hemm verità waħda importanti: Ġesù ġie fid-dinja biex jeqred l-opra tax-xitan. L-affirmazzjoni fundamentali tibqa' dik tal-Kredu ta' Nicea (seklu erbgħa), fejn jingħad li Alla ħalaq "il-ħwejjeġ kollha, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx", (u allura wkoll ix-xitan u l-ispirti ħżiena). Din l-espressjoni hi mibnija fuq dak li jikteb San Pawl: "Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx; Troni u }akmiet, Prinċipati u Setgħat" (Kol 1:16). Il-Konċilju Lateran IV (1215), li jagħtina l-

---

[14] SANTU WISTIN TA' IPPONA, *L-Istqarrijiet*, (traduzzjoni, daħla u noti ta' Valent V. Barbara), Malta 1989, VII, 7. X'imkien ieħor jistqarr ukoll: "Fittixt mnejn hu ġej il-ħażen, imma fittixt ħażin u ma ntbaħtx bil-ħażen ta' l-istess tfittxija tiegħi" (5).

[15] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA, *Il-Katekiżmu*, 392-393.

ewwel dokument importanti ħafna tal-Knisja dwar ix-xitan, żviluppa l-frażi tal-Kredu Nicean billi inkluda riferiment espliċitu għax-xitan u x-xjaten, li min-natura tagħhom kienu tajbin, imma saru ħżiena b'għażla tagħhom, u b'hekk jikkonkludi li l-eżistenza tax-xitan hija ċara: "Għax ix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra tabilħaqq inħalqu minn Alla tajbin fin-natura tagħhom, imma saru ħżiena bl-istess għemil tagħhom. U l-bnedmin dinbu kif issuġġerielhom ix-xitan".[16] Il-Konċilju Vatikan I fl-1870 ikkwota lil-Lateran IV. Il-ħażen, għalhekk, m'hux opra ta' Alla, anki jekk Alla jippermettih, kultant għal ġid akbar, u għall-glorifikazzjoni tiegħu (kif jingħad minn xi wħud fil-kas tal-possessjonijiet)… iktar hu n-nuqqas tat-tajjeb.

}afna kittieba Kattoliċi moderni, fosthom it-teologu Ġermaniż Karl Rahner (1904-1984), iwissuna biex ma niħdux f'sens litterali dak kollu li jingħad fuq ix-xjaten fl-Iskrittura u fit-tradizzjoni; hemm bżonn li wieħed jiddistingwi l-kontenut mill-mod li bih jiġi ppreżentat u espress. Hekk, allura, is-sens ta' l-affirmazzjonijiet li għadna kemm semmejna mill-Kolossin u l-konċilji, hu li juri kif Alla assuma l-univers kollu fi Kristu, u allura kellu s-setgħa wkoll fuq l-ispirti ħżiena, li ma oriġinawx 'il barra minn Alla kif kienu jgħidu xi Albiġensi.[17]

}afna minn dak li qal il-maġisteru tal-Knisja dwar ix-xitan hu marbut mad-duttrina dwar l-ispirti ħżiena u fih l-istess kontenut – ġew maħluqa tajbin, imma dinbu u ħadu l-kastig għal dejjem. Ix-xitan għandu ċerta qawwa fuq il-midneb u l-mewt tiegħu u din il-qawwa titteħidlu bil-fidwa ta' Kristu, għax

> ir-rebħa fuq "il-prinċep ta' din id-dinja" nkisbet darba għal dejjem fis-siegħa li fiha Ġesù ta lilu nnifsu għall-mewt biex jagħti l-ħajja lilna. Iseħħ imbagħad il-ġudizzju ta' din id-dinja u "l-prinċep ta' din id-dinja" (Ġw 14:10) "jitkeċċa 'l barra" (Ġw 12:31; Apok 12:11).[18]

Imma d-duttrina tal-Knisja ma tattribwix lit-tentazzjonijiet tax-xitan il-kawża sħiħa tad-dnub tal-bniedem. Ix-xitan spiss hu meqjus bħala tip ta' kap fuq l-ispirti ħżiena. Il-Konċilju Vatikan II hu riservat ħafna meta jitkellem dwar ix-xitan, imma ma jonqosx li jsemmih. "L-Iben ta' Alla, bil-mewt u l-qawmien tiegħu, ħelisna mis-setgħa tax-xitan

[16] DENZINGER-SCHÖNMETZER, 800 : JACQUES NEUNER–JOSEF DUPUIS, *The Christian faith in the doctrinal documents of the Catholic Church*, New York [6]1996, 19.
[17] Eretiċi Franċiżi tas-sekli tnax u tlettax li, fost l-oħrajn, kienu jemmnu li d-dinja materjali u l-ġisem uman inħalqu minn alla ħażin, mhux l-istess wieħed li ħalaq id-dinja ta' l-ispirtu.
[18] ARĊIDJOĊESI TA' MALTA, *Il-Katekiżmu*, 2853.

(ara Atti 26:18) u mill-mewt", jgħid is-*Sacrosanctum concilium.*[19] Fid-digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja *Ad gentes divinitus*, naqraw li tabilħaqq Alla bagħat lil Ibnu biex jeħlisna mill-"ħakma tad-dlam u tax-xitan (ara Kol 1:13; Atti 10:38)".[20] "Il-ħażin" waqqa' lil ħafna fid-dnub imma l-qawwa tiegħu tkissret bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

> Il-bniedem jinsab maqsum fih innifsu. Għalhekk il-ħajja kollha tal-bnedmin, sew wieħed wieħed, sew ilkoll flimkien, turi ruħha bħala ġlieda – u waħda drammatika – bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, bejn id-dawl u d-dlam. Anzi l-bniedem m'għandux ħila jegħleb sewwa bil-qawwa tiegħu nnifsu l-assalti tal-ħażen, u hekk kulħadd iħoss ruħu qisu marbut bi ktajjen. Imma l-Mulej stess ġie biex jeħles il-bniedem u jqawwih billi jġeddu minn ġewwa u jkeċċi 'l barra "l-prinċep ta' din id-dinja" (Ġw 12:31) li kien iżommu lsir tad-dnub (ara Ġw 8:34). Id-dnub, wara kollox, iċekken lill-bniedem stess għax ma jħallihx jikseb il-milja kollha tiegħu.[21]

It-teoloġija spekulattiva tikkunsidra l-fatt li l-prinċipati u s-setgħat, proprju minħabba l-ħolqien tagħhom bħala parti mill-unità tad-dinja, ma jistax ma jkollhomx ċerta ordni ġerarkika u gradazzjoni (Mk 3:24). Din l-ordni ma tinqeridx lanqas bil-ħtija tagħhom, għax ma jistax ikun hemm dnub tant kbir li jeqred in-natura speċifika u l-unità. Fuq dan jibbaża ruħu l-fatt li hemm mexxej ta' l-ispirti ħżiena (Mk 3:22), imsejjaħ ix-xitan, bħala rappreżentant tal-prinċipati u s-setgħat kollha. Imma hu impossibbli li nippruvaw nindividwalizzaw ix-xitan bħala distint mill-bqija ta' l-ispirti ħżiena. Kif issemma qabel, meta titkellem dwar ix-xitan bħala kap fuq ix-xjaten l-oħra, il-pjetà Kristjana jeħtieġ tevita l-immaġni ta' l-Antikrist bħala l-għadu ta' Alla li fl-istorja kien u jibqa' fuq l-istess livell tiegħu. L-istess xitan hu ħlejqa li żżomm fiha ċerta essenza tat-tajjeb u li hu jkollu juża skond in-natura tiegħu anki biex ikun kapaċi jagħmel il-ħażen (*"natura eius opificium Dei est"*).

Kollox ma' kollox, jidher ċar mill-affirmazzjonijiet tat-teoloġija tul iż-żmien, li l-enfasi hi waħda u ċara: Ġesù, bil-mewt u l-qawmien tiegħu, rebaħ fuq il-mewt u l-ħażen, u allura wkoll fuq ix-xitan.

---

[19] Kostituzzjoni dwar il-liturġija mqaddsa *Sacrosanctum concilium*, 4 ta' Diċembru 1963, 6 : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta ²2003, 3.

[20] Digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja *Ad gentes divinitus*, 7 ta' Diċembru 1965, 3, (ara wkoll 9) : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta ²2003, 260-261.

[21] Kostituzzjoni pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum *Gaudium et spes*, 7 ta' Diċembru 1965, 13, (ara wkoll 2) : *Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta ²2003, 340.

## 5

# Is-sinifikat tat-twemmin fix-xitan u l-ġlieda kontra l-ħażen

> Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa, u s-Saltna ta' Alla tagħna, u s-setgħa tal-Messija tiegħu, għax twaddab 'il barra dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna. U huma ħarġu rebbieħa fuqu permezz tad-demm tal-}aruf.[22]

Illum m'hux importanti li nqiegħdu d-duttrina dwar ix-xitan fuq quddiem tal-ġerarkija tal-veritajiet meta nippridkaw il-fidi, kif kien isir sa ċertu punt fi żminijiet iktar bikrija (ngħidu aħna minn Luteru ġ1483-1546ħ), fi "snin imdallma fejn kont tara lil Satana f'kollox".[23] Mhux għax m'hemmx verità tal-fidi li tistqarr lix-xitan, imma għax dak li din tfisser għall-prattika attwali tal-ħajja Kristjana jista' jingħad anki mingħajr riferenza espliċita għax-xitan. L-aċċess għal din id-duttrina hu relattivament diffiċli għan-nies illum. Ix-xitan m'hux imsemmi fil-kredi l-kbar tal-Knisja. "Dak li x-xitan hu m'hux parti mit-tagħlim iddefinit tal-Knisja, u lanqas jinteressaha daqshekk jekk mhux bħala aspett tat-teoloġija tal-ħolqien".[24] Hu d-dnub li n-nisrani jeħtieġ iħares ruħu minnu, bit-talb, id-dixxiplina spiritwali u ħajja ta' mħabba u ġustizzja, li tistrieħ fuq il-qawwa superjuri ta' Kristu u l-Ispirtu s-Santu.

Jekk irridu nħarsu lejn din ir-realtà tax-xitan u l-ħażen mill-ottika pastorali, nagħmlu dawn ir-riflessjonijiet:

> Jekk hu minnu li l-azzjoni ta' Satana tiżvolġi biss fuq il-livell sensibbli u li dan is-sensibbli hu u jibqa' dejjem ambigwu, m'hu sa jkun qatt possibbli li nippruvaw ġeometrikament ix-xitan jaġixxix jew le…, naslu għal konklużjoni importanti, dik li hu inutli nippruvaw "nitfgħu idejna" fuq ix-xitan, bħal kif wieħed jaqbad kriminal. Id-disturbi newrofiżiċi, il-

---

[22] Apok 12:10.

[23] ANNACHIARA VALLE, *La prudenza degli esorcisti: il demonio c'entra poco*, f'*Jesus*, Marzo 2005, 62. L-artiklu jżid: "Imma l-verità hi li m'għandniex niddemonizzaw kollox u lanqas niċħdu l-eżistenza ta' Satana".

[24] JOSEPH A. KOMONCHAK–MARY COLLINS–DERMOT A. LANE (ed.), *The new dictionary of theology*, Bangalore 2003, 276.

fenomeni straordinarji pprovokati minn Satana sa jibqgħu dejjem ambigwi… }a niftiehmu sewwa: li nippruvaw neqirdu b'ċertu mod, f'termini razzjonali, il-preżenza tax-xitan… ikun ifisser li qed nagħtuh l-ikbar rebħa, li hu jixtieq: għax hu jittrijonfa kemm billi jipprovoka twemmin kbir fil-qawwa tiegħu, u kemm billi jipprovoka ċ-ċaħda ta' din il-qawwa… Ix-xitan jittrijonfa billi dejjem jaħrab mill-għarfien immedjat tal-bniedem. Hu l-ambigwità inkarnata… Jew infittxuh fis-sensibbli, u hawn jaħrab, billi jġiegħel lir-razzjonalisti jaħsbu li hi biss kwistjoni ta' patoloġija;[25] jew infittxuh fil-"ħażen teoloġiku", u hawn mill-ġdid jaħrab, billi jġiegħlna nemmnu li mhux tassew qed jaġixxi, jew billi jġiegħlna nemmnu li qed jagħmel kollox hu.[26]

Irridu nevitaw ukoll li nippreżentaw l-immaġni tradizzjonali u popolari tax-xitan (xbihat ta' klassijiet differenti ta' dimonji b'funzjonijiet speċjali, ismijiet proprji, u l-bqija). L-eżorċiżmu fil-magħmudija jeħtieġ jiġi espliċitat iktar fil-liturġija li qed tiżviluppa. Il-fenomeni spiritwalistiċi jew ta' possessjoni li jintużaw biex jiddifendu t-tagħlim dommatiku definittiv dwar ix-xitan, ftit jew xejn huma effettivi, għax illum jeżisti ħafna xettiċiżmu minn dawk li huma familjari ma' l-empiriċiżmu skrupluż tax-xjenzi naturali.

Id-duttrina dwar ix-xitan terġa' tafferma, għalkemm b'enfasi differenti, id-duttrina dwar id-dnub oriġinali, għax, kif ipoġġiha Pawlu VI (1897-1978), "ix-xitan insibuh fl-għajn ta' l-ewwel diżgrazzja ta' l-umanità" u "minn din il-waqgħa x-xitan rebaħ ċerta ħakma fuq il-bniedem, li minnha l-fidwa ta' Kristu biss trid teħlisna":[27] ix-xjaten huma wkoll parti mir-realtà, li issa hi parti mid-dinja, tat-tendenza lejn il-ħażen, ġejja mill-korruzzjoni fi ħlejqiet li Alla oriġinarjament kien għamilhom tajbin.

L-għerq qiegħed fil-ġerħa li hemm fil-qiegħ stess tal-qalb tal-bniedem. Fid-dawl tal-fidi din il-ġerħa aħna nsejħulha dnub: mid-dnub tan-nisel, li aħna lkoll inġorru minn twelidna bħala wirt li ħallielna l-ewwel bniedem, sad-dnubiet li kull wieħed minna jagħmel meta jabbuża mil-libertà tiegħu.[28]

Id-duttrina tad-dnub oriġinali terġa' teħodna lejn l-oriġni ta' dawn l-influwenzi fil-bniedem innifsu; id-duttrina dwar il-ħażen tgħallem li teżisti kawża iktar profonda 'l

---

[25] L-istudju tal-mard tal-ġisem.

[26] Ara CH. MÖLLER, *Réflexions en marge du "Satan" des Études Carmélitains*, CM 34 (1949), 199-200, kif ikkwotat f'ERALDO QUARELLO, *L'amore e il peccato. Affermazione e negazione dell'uomo*, Bologna 1971, 30.

[27] PAWLU VI, *Deliver us from evil* : *L'Osservatore Romano*, 23 November 1972, 3, 12.

[28] ĠWANNI PAWLU II, *Reconciliatio et paenitentiae*, 2.

barra mill-bniedem, mela l-ispirti ħżiena li kienu ġew maħluqa biex ikunu aġenti ta' Alla, u li żammew parti mis-setgħa tagħhom wara l-waqgħa. Barra dan, id-duttrina tad-dnub oriġinali tgħallimna li t-tbatija hi prodott tal-ħażen l-aktar għax il-bniedem m'hux kapaċi jaċċettaha minn idejn Alla u jużaha biex jikber spiritwalment; id-duttrina fuq il-ħażen turi kif lil hemm mill-bniedem hemm aġent li jagħmel mit-tbatija ostaklu għal dan l-iżvilupp spiritwali.

Lanqas nistgħu nattribwixxu lix-xitan kull tip ta' korruzzjoni; anki l-qawwiet umani li huma korrotti u ħżiena għandhom jiġu kklassifikati fost "il-mexxejja ta' din id-dinja" (1 Kor 2:8) li jħaddmu qawwa ostili kontra Alla. Illum nistgħu nitkellmu dwar tliet tipi ta' ħażen: dak li ġej direttament mix-xitan, dak li ġej mid-dinja, u dak li ġej mill-bniedem. "Mhux dak li jidħol fil-fomm itebba' lill-bniedem, imma dak li joħroġ mill-fomm, dan hu li jtebba' lill-bniedem" (Mt 15:11). Il-bniedem li jħalli d-dnub, l-għira u l-mibegħda jsaltnu f'qalbu, ikun jistieden iktar lix-xitan jgħammar bil-qawwa tiegħu fih; għalkemm, huma veri wkoll każi ta' nies li ġew ippossessati mingħajr il-kunsens tagħhom u minkejja l-ħajja tajba tagħhom (ix-xitan innifsu pprova jippossessa persuni qaddisin, bħal kif jingħad għal Madre Teresa ta' Calcutta ġ1910-1997ħ) fi tmiem ħajjitha, u kif ġara lil Santa Ġemma Galgani ġ1878-1903ħ, li waslet anki biex kasbret ħwejjeġ sagri meta kienet ippossessata). Imma "kuntrarju għall-impressjoni li wieħed jaf jieħu minn xi rumanzi u films riċenti, l-ispirti ħżiena ma jikkontrollawniex sal-punt li jneħħu l-libertà u r-responsabbiltà umana".[29] Intennu li l-bniedem, maħluq essri tajjeb, hu vulnerabbli għall-ħażen u għad-dnub, u dan hu l-misteru kbir fil-ħajja tal-bniedem, il-*mysterium iniquitatis* li jirrifletti fuqu San Pawl (ara 2 Tess 2:7). Hi problema kbira għall-bniedem li jifhem l-għan ta' l-eżistenza tal-ħażen.

> Għalfejn il-ħażen? Għalfejn din l-esperjenza drammatika tal-mewt umana? Għalfejn aħna suġġetti għal għadsa bħal din fix-xejn? Min hu responsabbli ta' sitwazzjoni hekk iddisprata li l-Iben ta' Alla biss jista' jeħlisna minnha?[30]

L-istess għaref Santu Wistin iħossu mħawwad quddiem ir-realtà tal-ħażen fid-dinja, u jistaqsi hekk: "Iżda minfejn ġej il-ħażen ladarba Alla t-tajjeb ħalaq dawn il-ħwejjeġ

[29] RICHARD P. MCBRIEN, *Catholicism*, London [3]2000, 344.
[30] MONTENAT–PLATEAUX–ROUX, *How to read the world*, 96.

tajba kollha?".[31] Iktar mill-istess kwistjoni tax-xitan, il-Knisja dejjem ħassitha bħala problema li tifhem l-oriġni u n-natura tal-ħażen.

> Bħala firda minn Alla, id-dnub hu att ta' diżubbidjenza tal-bniedem li, almenu impliċitament, iwarrab lil Alla, li ħalqu u qiegħed iżommu ħaj: bid-dnub, għalhekk, il-bniedem qiegħed jeqred lilu nnifsu, qiegħed jagħmel suwiċidju.[32]

Hi r-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt biss li tista' ssalvah.

> Billi miet għalina, Ġesù hu rebbieħ fuq il-mewt. Hu ma jeħlisniex mill-esperjenza persunali li naraw saħħitna tispiċċa u li nħossuna mqaċċta 'l barra minn ġisimna, imma jagħtina ċ-ċertezza li sa nerġgħu niltaqgħu ma' Alla meta nħallu ħajjitna fid-dinja u niskopru mill-ġdid sħuħija spiritwali u materjali lil hemm minn kull ħaġa li nistgħu nittamaw u nimmaġinaw.[33]

Hawn iqum il-bżonn li nistaqsu mill-ġdid jekk ix-xitan u l-ispirti ħżiena jistgħux jitqiesu mhux bħala persuni u entitajiet spiritwali, imma sempliċiment bħala simboli tal-korruzzjoni umana, kif jaħsbu xi teologi ta' żmienna. Il-papa Piju XII (1876-1958) fl-enċiklika *Humani generis* (1950), artiklu 26, jikkunsidra bħala duttrina ġdida li għandha implikazzjonijiet perikulużi t-teorija li tgħid li l-anġli m'humiex essri persunali; b'hekk il-papa jifhem ukoll li lanqas ix-xjaten ma jistgħu jitqiesu sempliċiment figuri simboliċi. Karl Rahner u teologi oħra Kattoliċi moderni, għalkemm mhux kollha, isostnu li t-twemmin f'xitan persunali jagħmel parti mill-fidi Kattolika.

L-effetti ħżiena kkawżati mit-tendenza moderna ta' dawk li jipprattikaw is-seħer u l-kult tax-xitan – kif hu l-okkultiżmu – huma wkoll prova ċara, anki jekk mhux deċiżiva, tar-realtà tax-xitan. Ix-xitan jaġixxi permezz ta' diversi interventi: disturbi esterni,[34] possessjoni,[35] vessazzjoni,[36] ossessjoni,[37] soġġezzjoni[38] u anki infestazzjoni djabolika.[39] Osservaturi rrappurtaw każi impressjonanti ta' l-influss ta' spirti ħżiena qalb il-popli primittivi. Meta jaqra l-vanġeli wieħed irid iżomm f'moħħu li kull marda kienet sinjal

---

[31] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, VII, 5.
[32] Ġwanni Pawlu II, *Reconciliatio et paenitentiae*, 15.
[33] Montenat–Plateaux–Roux, *How to read the world*, 96.
[34] Tbatijiet fiżiċi ġejjin mix-xitan.
[35] Dan ifisser li wieħed (ġismu, moħħu u r-rieda tiegħu) ikun maħkum mix-xitan jew spirtu ħażin u jsir strument tiegħu.
[36] Din tidher f'ċerti disturbi li tħoss il-persuna minn żmien għal żmien, imma m'hix possessjoni.
[37] Jew oppressjoni djabolika, meta wieħed ikun ippersegwitat minn ħsibijiet assurdi u negattivi, bħas-suwiċidju, li għandhom lix-xitan bħala għajn tagħhom.
[38] Dan iseħħ meta persuna, bir-rieda ħielsa tagħha, tidħol f'patt max-xitan u tissottometti ruħha għalih.
[39] Il-qawwa negattiva tax-xitan li tolqot ħwejjeġ fiżiċi u materjali.

tal-qawwa tax-xitan fuq il-bniedem (ara Lq 13:11). Hu veru wkoll li ħafna fenomeni li fil-passat kienu attribwiti lill-azzjoni diretta tax-xitan jew lil ossessjonijiet djaboliċi, illum jistgħu jiġu spjegati biżżejjed mix-xjenza empirika, il-parapsikoloġija u l-psikjatrija bħala riżultati ta' kawżi fiżiċi jew psikoloġiċi. Hekk, persentaġġ kbir ta' dawk li jersqu għand eżorċista b'każ li, fl-idea tagħhom, ikun possessjoni djabolika, jirriżulta li jkun biss ossessjoni jew marda psikoloġika li malajr tista' tiġi kkurata bi ftit attenzjoni u mediċina, fejn neċessarja. Imma anki jekk illum irnexxielna nsibu spjegazzjoni naturali għall-fenomeni kollha, it-twemmin f'forza jew forzi persunali ħżiena li qegħdin f'servizz lill-ħażin, jibqa' loġiku u rilevanti. Forsi hawn għandu raġun teologu modern li jsostni li dak li twemmin bħala dan "ifisser għall-prattika attwali tal-ħajja Kristjana, jista' jingħad, f'dak li jikkonċerna l-kontenut deċiżiv tiegħu, anki mingħajr tagħlim espliċitu fuq ix-xitan".

> Fil-veru sens tal-kelma, teoloġija tax-xjaten tista' ma teżistix. Fi kliem ieħor, ix-xitan ma jidħolx fit-teoliġija nisranija b'mod li aħna ma nistgħux ma nsemmuhx. L-importanza tiegħu hi aċċidentali. Dan ifisser li aħna stajna anki għaddejna mingħajru. Dak li ngħidu fuq ix-xitan ngħiduh ukoll fuq l-anġli. Iċ-ċentru tal-fidi nisranija jinsab fil-fidwa tal-bniedem permezz ta' Kristu. L-anġli jew ix-xjaten ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jgħinu jew ifixklu biex iseħħ jew ma jseħħx dak li Alla ried mill-bniedem.[40]

Għaldaqstant, duttrina dwar ix-xitan u l-ispirti ħżiena ma tgħaddix mingħajr duttrina dwar l-anġli.

L-eżistenza tax-xitan m'għandhiex tkun kawża ta' biża' għal dak li jemmen fil-Mulej Ġesù; iva, hi meħtieġa attenzjoni sħiħa, kif iwissina l-appostlu Pietru fl-ittra tiegħu (1 Pt 5:8; ara wkoll Efes 6:11-12), imma magħha hemm ukoll it-tama qawwija fir-rebħa tal-Mulej fuq il-mewt u l-ħażin li tinkuraġġina l-ħin kollu biex niġġieldu lix-xitan, konvinti li, bħal Ġesù, aħna wkoll noħorġu "rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna" (Rum 8:37). Fi kliem il-papa Benedittu XVI, fl-udjenza ġenerali ta' l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2005,

> l-istorja m'hix f'idejn qawwiet mudlama… Fuq is-setgħat tal-ħażen, fuq il-ħidma distruttiva ta' Satana, fuq tant flaġelli u ħażen, jogħla l-Mulej, sid suprem ta' l-istorja. Hu jmexxiha bl-għerf lejn iż-żerniq tas-smewwiet ġodda u l-art ġdida… (ara Apok 21-22).[41]

---

[40] KITTIEBA DIVERSI, *Ix-xitan: realtà jew fantasija?*, Malta 1972, 6.

[41] BENEDITTU XVI, *Udjenza ġenerali*, 11 ta' Mejju 2005, 1 : http://www.vatican.va. Diġà, fil-ktieb-intervista *The Ratzinger report* ma' Vittorio Messori, il-kardinal Josef Ratzinger kien stqarr li d-dnub u Satana m'għandhomx jitqiesu bħala simboli jew illużjonijiet jew mîti. Huma reali u preżenti u lesti

li jirvinaw lil ruħna. "Ix-xitan, ta' l-inqas f'dak li għandu x'jaqsam mat-twemmin Kristjan, hu preżenza stramba imma reali, persunali u mhux simbolika biss… Hu realtà b'saħħitha, libertà superumana velenuża kontra l-libertà ta' Alla. Dan hu evidenti jekk inħarsu realistikament lejn l-istorja, bl-abiss tagħha ta' attroċitajiet dejjem ġodda li ma jistgħux jitfissru b'riferenza għall-bniedem waħdu. Waħdu l-bniedem m'għandux is-saħħa li jopponi lil Satana, imma x-xitan m'hux fit-tieni post wara Alla, u f'għaqda ma' Ġesù nistgħu nkunu ċerti li nirbħulu" (JOSEF RATZINGER, *The Ratzinger report*, ikkwotat f'*Pope Benedict XVI declares the reality of Satan*, f'http://www.out2.com).

# Biblijografija

ARĊIDJOĊESI TA' MALTA (ed.), *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Malta 1993.

BARBAGLIO Giuseppe–DIONICH Saverino, *Nuovo dizionario di teologia*, Alba 1977.

BENEDITTU XVI, *Udjenza ġenerali*, 11 ta' Mejju 2005 : http://www.vatican.va.

ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni appostolika postsinodali *Reconciliatio et paenitentiae*, 2 ta' Diċembru 1984.

GHIRLANDO Marcello–ZAMMIT David, *Kristu rebbieħ fuq ix-xitan. Sfida dejjem żagħżugħa*, Malta ²2001.

Http://www.out2.com.

*Id-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II*, Malta ²2003.

KITTIEBA DIVERSI, *Ix-xitan: realtà jew fantasija?*, Malta 1972.

KOMONCHAK Joseph A.–COLLINS Mary–LANE Dermot A. (ed.), *The new dictionary of theology*, Bangalore 2003.

LÉON-DUFOUR Xavier (ed.), *Dictionary of biblical theology*, (translated by Joseph Cahill), London ²1995.

MCBRIEN Richard P., *Catholicism*, London ³2000.

MCBRIEN Richard (ed.), *The HarperCollins encyclopedia of Catholicism*, New York 1995.

MONTENAT Christian–PLATEAUX Luc–ROUX Pascal (ed.), *How to read the world: creation in evolution*, (translated by John Bawden), London 1985.

NEUNER Jacques–DUPUIS Josef, *The Christian faith in the doctrinal documents of the Catholic Church*, New York [6]1996.

PAWLU VI, *Deliver us from evil* (diskors fl-udjenza ġenerali), 15 ta' Novembru 1972 : *L'Osservatore Romano*, 23 November 1972.

PIJU XII, Ittra enċiklika *Humani generis*, 12 ta' Awwissu 1950.

QUARELLO Eraldo, *L'amore e il peccato. Affermazione e negazione dell'uomo*, Bologna 1971.

RAHNER Karl (ed.), *Encyclopedia of theology. The concise "Sacramentum mundi"*, London 1981.

SANTU WISTIN TA' IPPONA, *L-Istqarrijiet*, (traduzzjoni, daħla u noti ta' Valent V. Barbara), Malta 1989.

VELLA Elias, *The devil and exorcism*, (translated by Frank Fenech), Malta 1994.

VELLA Elija, *Satana*, Malta [2]2000.

VALLE Annachiara, *La prudenza degli esorcisti: il demonio c'entra poco*, f'*Jesus*, Marzo 2005.